Illum, erbatax (14) ta' Settembru elfejn u wiehed u ghoxrin (2021)

Quddiemi Nutar Dottor Anthony Hili qed jidhru personalment wara li identifikaw ruhhom skond il-ligi:

Mill-Ewwel Parti:

Michael Caruana, armel ta' Carmela Caruana, bin il-mejtin Joseph Caruana u Giovanna nee Micallef, imwieled l-Gharb, Ghawdex fid-29 t' Ottubru 1962 u residenti [illegible] Gharb, Ghawdex; bil-karta tal-Identita numru 30227G – maghruf bhala **"id-Donanti".**

Mit-Tieni Parti:

Joan Grima, mizzewga, bint il-komparenti Michael Caruana u l-mejta Carmela nee Galea imwielda Melbourne, l-Awstralja fil-21 ta' Lulju 1957 u residenti "Serendipity", Triq il-Madonna tal-Virtut, Gharb, Ghawdex, bil-karta tal-identita numru 379506L;

Philippa Marie Camenzuli, mart Giovann Camenzuli, imwielda Rabat, Ghawdex fil-5 t' Awissu 1990 u residenti 12, Triq l-Isqof Mikiel Molina, Gharb, Ghawdex, bil-karta tal-identita numru 27290G;
Jake Caruana, guvni, imwieled Rabat, Ghawdex fit-23 ta' Lulju 1993 u residenti "Rurals", Triq il-Madonna tal-Virtut, Gharb, Ghawdex, bil-karta tal-identita numru 32893G,

ahwa Caruana, ulied Joe Louis Caruana u Elsie nee' Bonello;

fil-kawza l-att flimkien u fil-kwoti ta' nofs (1/2) indiviz Joan Grima u nofs (1/2) indiviz bejniethom l-ahwa Caruana, maghrufin bhala **"id-Donatarji"**.

Giovann Camenzuli, zewg il-komparenti Philippa Marie Camenzuli, iben Francis Camenzuli u Salvina nee Cassar, imwieled Gharb, Ghawdex fit-28 ta' Jannar 1984 u residenti 12, Triq l-Isqof Mikiel Molina, Gharb, Ghawdex, bil-karta tal-identita numru 13784G;

L-istess imsemmija Joan Grima hija xi drabi ukoll f'dan l-att imsejha **"il-Venditrici",** filwaqt li l-istess Philippa flimkien ma' zewgha

DR. ANTHONY HILI LL.D. Notary Public and Commissioner for Oaths MALTA

Giovann, konjugi Camenzuli u Jake Caruana, huma xi drabi ukoll iddaħlu fl-att, fl-imkien imsejjaħ "il-Komparuri".

Mit-Tieleth Parti:

Joe Louis Caruana, mizzewweg, iben il-komparenti Michael Caruana u l-mejta Carmela nee Galea imwieled Melbourne, l-Awstralja fid-9 ta' Lulju 1962 u residenti 15, Triq il-Madonna tal-Virtut, Gharb, Ghawdex, bil-karta tal-identita numru 657882M.

Fl-**Ewwel Parti** ta' dan l-Att;

Qabel xejn il-partijiet jiddikjaraw u jippremettu:

Illi d-Donanti huwa proprjetarju ta' **porzjon art,** bl-arja libera taghha u bis-sottoswol, imsejha *"ta' Mawua",* fil-limiti tal-Gharb, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka erba' mija u sebgha u tletin metri kwadri (437 m.k.) b'faccata fuq **Triq Mongur, Gharb, Ghawdex**, konfinanti mil-lvant ma' Triq Mongur, mit-tramuntana ma' beni ta' Salvu Xuereb u min-nofsinhar in parti ma' beni ta' Raymond Vella u in parti ma' beni ta' Emanuel Caruana jew l-aventi kawza, murija ahjar delineata bil-kulur aħmar fiq il-pjanta u sit-plan hawn anness bhala dokument "A", hawn aktar 'il quddiem imsejha **"il-Proprjeta".**

Illi d-Donanti jixtieq jittrasferixxi il-Proprjeta lill-uliedu, il-komparenti Joan Grima u Joe Louis Caruana, ahwa Caruana;

Illi fir-rigward ta' Joe Louis Caruana huwa qieghed jaccetta li d-donazzjoni issir direttament lill-uliedu Philippa u Jake, ahwa Caruana u ghalhekk ghandha titqies li inghatat a saldu tas-sehem spettanti lilu minghand id-Donanti.

Ghaldaqstant, bis-sahha ta' l-ewwel parti ta' dan l-att, id-Donanti qieghed jaghti u jikkoncedi b'titolu ta' donazzjoni irrevokabbli, b'effett millum stess, bl-obbligu tal-kollazzjoni u imputazzjoni fl-assi ereditarju tieghu lid-Donatarji, li, ugwalment u ndivizament, jaccettaw, u bl-istess titolu ta' donazzjoni jakkwistaw, il-Proprjeta, libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi taghha kollha u bil-pussess vakant - tal-valur ta' mija u sittin elf Ewro (€160,000).

Id-Donanti jiggarantixxi l-pacifiku pussess u reali godiment tal-immobbli donat, b`ipoteka generali tal-beni tieghu kollha prezenti u

Arkivre Arkivre Arkivre Arkivre Arkivre Arkivre Arkivre Arkivre

ANTHONY HELLO Notary Public and Commissioner for Oaths MALTA